# Il-Ħaddiem

KEMM hija ħaġa iebsa nikbru u nixjieħu, u niftakru li stajna nkunu ta' faraġ u għajnuna u ma konniex!

*    *    *

Imkasbra kif inhuma bil-ħmieġ li jħallu l-metalli; imtappna biż-żjut tal-makni, u biż-żejt li bih jiġi illustrat il-ġewż jew kawba; ġilda ħarxa u iebsa, ma donnux li dawk is-swaba' — li naraw ta' sikwit, fis-sigħat tax-xogħol imħaddma mal-martell u mal-lima — kienu xi darba qishom tax-xama': dwiefer imżejna b'dak ir-roża ċar li bih in-natura taf iżżejjen, bojod, indaf u rotob bħal ta' dak li jgħaddi ħajtu fil-kamra ta' l-istudju mal-kotba u l-karti: din hija id il-ħaddiem.

Fid-dipartimenti kollha tax-xogħol: "fitting-shop", "gun-mounting", "shipwright", "coppersmiths", "patternmakers", "plumbers", "boiler makers", ħaddieda, mastrudaxxi u dipartimenti oħra, sibtha dejjem l-istess: ħarxa, iebsa, imkasbra.

Fil-ħanut tal-fitters rajt din l-id, torbot u tiċċentra fit-torn travi solidi ta' l-azzar tondi, jew kwadri, ta' 4 jew 5 piedi tul u 14-il pulzier dijametru, u minnhom fi 32 sigħa toħroġ żewġ "crank-pins" u żewġ "eccentric-sheaves": xogħol li jitlob attenzjoni u preċiżjoni l-aktar partikulari; għax moħxon karta strazza inqas milli għandu jġib il-qies, huwa biżżejjed biex dak ix-xogħol li sewa tant flus, żmien u enerġija jiġi skartat għat-tidwib; rajtha tħott u twaqqaf mill-ġdid makni kbar — wara li jkunu ġew imsewwija — li, meta narawhom maħtuta, tant huma l-bċejjeċ differenti, ma jitwemminx li jistgħu jerġgħu jitwaqqfu.

Fil-"gun-mounting" dawn is-swaba' ħorox u iebsa jagħtuna xogħol ta' finezza u preċiżjoni partikulari. Mal-mastrudaxxi narawhom jonqxu u jintarsjaw fil-kawba, ġewż u njam ieħor disinji l-aktar dettaljati li għal ġmielhom, għall-ħila u sabar li jitolbu ma donnhomx magħmula minn id ta' bniedem: kull fejn iltqajt ma' dawn l-idejn, ma stajtx ma nagħfashomx ma' tiegħi b'ammirazzjoni!

F'dawn il-ħwienet tas-sengħa, l-imrietel, il-limi u l-għodod l-oħra ma għandhomx mistrieħ f'idejn il-ħaddiem: l-inkwina ddoqq taħt dirgħajn il-ħaddied, bil-mod jew bil-qawwi, kif jitlob ix-xogħol li jkun isir fuqha: mindu jisbaħ sa ma jidlam, xi drabi lejl u nhar, ix-shafts iduru u mijiet ta' makni jaħdmu b'ħeffa tal-għaġeb.

## FEJN TGHALLIMT INHOBBHOM

Mal-fitters, meta ħdimt magħhom fuq bank wieħed, spalla ma' spalla; meta oħrajn stmerrew idejja, għax tilfu l-ġmiel u tħammġu biż-żjut u l-għodod, tgħallimt inħobbhom. Tgħallimt niddefendi l-ħaddiem, meta sew sew ftit passi 'l bogħod minni jien rajt ħaddejh jisfaru bħall-qarsa tax-xama', fommu jibjad, għajnejh jitbexxqu, u bħal ħnejja li marritilha l-ħaġra tan-nofs tonqsu s-saħħa u jaqa' taħt it-torn f'għadira demm li ħarġet minn idejh mingħajr is-swaba' li baqgħu fl-ingranaġġ imkasbra biż-żejt, u li qabel marru għas-sengħa, anki huma kellhom roża d-dwiefer, kienu sbieħ, indaf qishom tax-xama'.

## KWADRU IEHOR

Filgħodu ta' kuljum ibakkar, joħroġ kmieni għax-xogħol fil-ksieħ u fis-sried tax-xtiewi; xi drabi mhux miksi biżżejjed bi ħwejjeġ li jħarsuh mix-xita u mill-bard. Jishar biex ilaħħaq mal-bżonnijiet tal-familja. Jasal id-dar fid-dlam; imma l-ewwel ħsieb tiegħu jara x'sar minn uliedu. Jekk sa dak il-ħin ikunu għadhom fuq riġlejhom igħannaqhom, ibushom, iħaddanhom miegħu; mhux kuntent jekk ix-xi ħaġa ta' l-ikel li hemm għalih ma jaqsamhiex magħhom. Jekk dawn iż-żgħar tiegħu jkunu raqdu jersaq bla ħoss lejn is-sodda tagħhom, jieqaf iħares lejhom rieqda, dak in-nagħas fond u ħelu tat-tfal imħeddla bil-logħob, u ħielsa mit-taħbil tal-moħħ, iġennbilhom ix-xuxa li waqgħet imħabbla fuq moħħom, f'diżordni ħelu li tant jixraq ma' dak il-wiċċ ċkejken, jitbaxxa jbushom, imbagħad imur jistrieħ kuntent li kulħadd f'saħħtu.

Narawh sfajjar, ħosbien u bla sabar fuq ix-xogħol jekk id-dar ħalla warajh marid xi wieħed minnhom. Rajnieh mimdud taħt il-bank tax-xogħol, jew taħt is-sejjieħ għal siegħa fuq nofs inhar biex jistrieħ mix-xemx qalila tas-sajf li tkun ilha tisreġ fuqu mindu telgħet; imbagħad jerġa' għax-xogħol sa ma tinżel: hekk l-għomor u l-ħajja.

## L-AHHAR LI LTQAJT MIEGHU

Fis-swali ta' l-isptar fejn il-għajnejn jimtlew bid-dmugħ, il-fomm bi kliem ħelu u ta' ħniena, iltqajt mal-ħaddiem darba oħra. Sfajjar u magħlub; is-swaba' ta' jdejh mhux aktar ħfief, wieqfa u sodi; imma mċajpra, kważi bla saħħa. Taħt il-ġilda samra u mkemmxa jidher l-għadam u l-vini jingħaddu.

Din l-id li ltqajt magħha għal tant snin fil-ħwienet tax-

xogħol imqabbda mal-għodda, mal-forġa u l-makni, rajtha bħal ta' skeletru, ħierġa minn taħt il-liżar biex taqbad it-tazza tal-ħalib li l-infermiera ressqitilha; imbagħad terġa' taqa' fuq il-kutra bajda li kienet tiksi s-sodda. Xofftejn il-marid tbexxqu biex igħidu xi ħaġa, u ma felħux; imma għajnejh nofshom magħluqa u mħeddla bit-toqol tal-mewt donnhom riedu jgħidulna: għaliex inti b'dan il-ħalib, u mhux ulieddi biex jilqgħu l-aħħar nifs ta' ħajti? Kemm huwa ħlas żgħir għal 40 sena xogħol u tbatija, sodda fi sptar jew f'istitut ieħor tal-fqar!

Bejn il-ħitan ta' dawn l-edifiċċji fejn hemm krib, dmugħ u mewt, naraw fuq ponot riġlejha, li bilkemm donnha tmiss ma' l-art, tittajjar minn sala għall-oħra, minn kuritur għall-ieħor, is-soru tal-karità biex fid-dwejjaq tal-mewt tfarraġ il-morda bil-ħlewwa u t-tieba tagħha.

*  *  *

Imżejna b'sentimenti għolja ta' karità Nisranija, u mħabba disinteressata lejn l-umanità mikduda b'kull xorta ta' mard, dawn l-anġli ta' l-art, iħallu l-faraġ ta' darhom, jirrinunzjaw għall-ġid tad-dinja, iqiegħdu ħajjithom il-ħin kollu fil-periklu biex imorru jduru bil-morda, jieħdu ħsieb l-iltiema tal-fqajrin mingħajr ebda ħlas ieħor, ħlief, dak tas-Sema: għall-imħabba t'Alla!

U hekk li ma kienx għal dawn l-anġli ta' l-art, minn sala għall-oħra f'ringieli twal ta' sodod ma rajtx ħlief fqar u ħaddiema jgħaddu l-agunija tagħhom fl-akbar indifferenza ta' nies li la tgħallmet tagħder u anqas tħoss.

Is-swali ta' l-isptar jilqgħu l-aħħar nifs tagħhom 'il bogħod minn uliedhom. Jinżlu fi ħdan l-art għall-mistrieħ ta' dejjem minsija minn dawk kollha li għalihom taw saħħithom. Il-qabar tagħhom huwa dak li hemm għal dawk li m'għandhomx qabar. Ebda id ma tieħu ħsieb dawn l-oqbra; imma r-rebbiegħa żżejjinhom bi fjuri li kienu żrieragħ li r-rwiefen tax-xtiewi jwasslu sa fuqhom.

**L-AHHAR KWADRU**

Rajna wlied il-ħaddiem, f'luttu strett, f'Jum il-Mejtin, iżuru l-oqbra, u jitqfu jpoġġu l-ward li kien f'idejhom fuq wieħed li ma kien iġib minqux ebda isem; forsi kien dak li laqa' 'l missierhom, sakemm ġie mwarrab u mqiegħed band'oħra, fejn ma nistgħux insibuh aktar, biex postu jieħdu ieħor li bħalu kien fqir.

*  *  *

Meta dil-ħajja,, li jiena persważ li ma rnexxilix inqiegħed fil-veri kwadri tagħha, ma tibqax inosservata minn dawk li sabu dejjem il-mejda mifruxa bl-aħjar xorb u ikel; li ma raw qatt xufftejn uliedhom koħol bil-ksieħ, u ċ-ċkejkna riġilhom imdemmа bis-seqi, imtertra bil-bard għax ma għandhomx għata; sofor u bla ħajta demm f'wiċċhom għax f'dar missierhom sabu biss il-ħobż — jibdew jiem sbieħ għall-Istat u għall-Haddiem.

GIUS. BORG PANTALLARESCO P.L.

---

## ~~LIL JOHN KEATS~~

~~L-aktar Poeta li nħobb.~~

~~*Żagħżugħ ta' dejjem, jiena biss ingħożżok*~~
~~*u nħobbok daqs id-dawl ta' ħbub għajnejja,*~~
~~*għax int ukoll f'żgħużitek rajt dell waħxi*~~
~~*ta' marda kiefra.*~~

~~*Rajtu lil dak id-dell jersaq għal fuqek*~~
~~*u jaħtfek taħt difrejn il-qilla tiegħu*~~
~~*u jiżra' f'qalbek hemm u niket aħrax*~~
~~*li ħadd ma jfejjaq.*~~

~~*Hassejtu d-dudu rqiq jgħawwarlek ġewwa*~~
~~*u jtemm il-ħajja tiegħek naqra naqra:*~~
~~*ridt tibki x'ħin intbaħt għax qalbek kienet*~~
~~*qalb ta' poeta.*~~

~~*U bkejt, u bkejt meta l-maħbuba tiegħek*~~
~~*u l-ħbieb li kont għożżejt rajthom jitbiegħdu*~~
~~*minnek u jersqu 'l bogħ'd 'il bogħ'd minn darek*~~
~~*biex ma jarawkx.*~~

~~*Tibżax, poeta kbir, jien w int inħtarna*~~
~~*biex naqtgħu wardiet sbieħ min-niket tagħna*~~
~~*u ngħixu għal dejjem għax ulied il-Musi*~~
~~*ma jmutu qatt.*~~

~~12. III. 1949.~~ ~~JOHN SCIBERRAS.~~